# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 3**

**22 ta' Frar 2017**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.30pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi Sindku
Horace Micallef – Kunsillier
Carmel Farrugia – Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

### 3.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

3.1.1 Is-Sur Horace Micallef talab li jitniżżel illi jridu jitwaħħlu l-Bins f'Wied Siekel u F' Għajn Tuta, filwaqt li s-Sindku talab li jinxtara wieħed għal Triq tal-Mulejja. Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tas-26 ta' Jannar 2017 wara li jsiru dawn l-korrezzjonijiet meħtieġa.

3.1.2 Is-Sindku irringrazzja lis-Sur Ivan Attard tas-sehem li ta lill-Kunsill fi żmien fejn ma setgħux isibu aġent minħabba li tal-pool kienu għadhom ma nħattrux. Is-Sindku ta tifkira żghira, replika tal-Għajn il-Kbira, lis-Sur Attard bħala turiha ta' ringrazzjament f'isem il-Kunsill.

3.1.3 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill li saret b'urġenza fl-14 ta' Frar fejn ġew prezentati l-*'Financial Statement.'* wara li jsiru xi korrezzjonijiet f'punt numru 57.3.1 paragrafu 2, dwar l-Applikazzjoni PC0003/17 kif ġew moqrija u approvati.

### 3.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li:

3.2.1 Nieħdu ħsieb nagħmlu bandiera ġdida tal-Fontana bħal dik li tittella' mal-arblu peress li dik li għandna tqattet biz-zmien. Il-Kunsill qabel unanimament li din għandha tinxtara.

3.2.2 Is-Sindku issuġġerrixxa li nitkellmu ftit ma dik il-persuna li kienet uriet l-interess ta' Childcare care centre biex naraw ftit aktar fid-dettal x'kienu l-ħsibijet tagħha. Il-Kunsill qabel li jsir dan.

3.2.3 Il-Kuntratt tal-ġbir tal-Iskart instab u sabitu s-Segretarja.

3.2.4 Billi l-Ambaxxatur taz-żgħażagħ kien spiċċa f'Settembru li għadda, għax dan kien għalaq it-tmintax il-sena, kien intefgħa avviż fid-djar fejn kienu joqgħodu ż-żgħażagħ ta' dik l-eta' mis-Sindku stess sabiex jerġa jintela dan il-post, pero ħadd ma wera interess.

3.2.5 Hemm ilment minn Triq il-Kappillan Hili, għaliex Gorg Sacco għamel xi gradi fuq il-bankina u kien hemm min qal li gew jiżolqu. Issuġġerixxa li niġbdulu l-attenzjoni u l-membri qablu li għandna niktbulu ittra.

3.2.6 Għandna kuntratt u qegħdin inħallsu madwar €400 sabiex l-anzjani tagħna jkunu jistgħu iżuru ċ-Ċentru tal-Anzjani f'Għajnsielem, pero s-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill ma jafx kemm anzjani mil-lokalita' tagħna qed jżuru dan iċ-ċentru. Għalhekk talab li niċċekjaw kemm qed imorru.

3.2.7 Talab li niġbru stimi sabiex nixtru erba' bins bħal taċ-Ċittadella li jkunu magħmulin minn materjal ta' kwalita' soda u li ma jinħarqux. Ma jridux ikunu tal-plastik, u għalhekk is-Sindku se jieħu ritratt tal-bins taċ-Ċittadella sabiex inkunu nistgħu nixtru xi ħaġa simili għalihom. Il-Kunsill qabel li niġbru dawn l-istimi. Dawn ser isiru fit-toroq Kardinal Alessandro Franchi u John Gaspard Le Merchant.

3.2.8 Staqsa jekk tal-Water Services kellmuniex fuq il-bdil tas-servizzi tal-ilma f'dik il-parti ta' Triq il-Ghajn fejn ser isir it-tarmak. Hemm bżonn li nagħmlu komunikazzjoni magħhom għax inkella dan ix-xogħol ma jsir qatt.

3.2.9 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni il-bżonn illi l-'hedges' tal-playing field jiġu miżbura biex isir pulit peress li twessa ħafna. Dan ix-xogħol ma jistax isir mill-ħaddiema tagħna għax ma għandhomx l-għodda neċessarja u għalhekk se jara Neville Mercieca jekk jistax prezz biex nagħmluh.

3.2.10 Is-Sur Manwel Grima mill-Kultura ta' Għawdex wera x-xewqa li fil-ġimgħa tal-festa, fit-13 ta' Ġunju, jagħmel attivita' ħdejn l-Għejjun u biex l-Kunsill ikun jista' jgħin. Nistennew li nirċievu l-ittra mingħandu sabiex jekk naqblu nistaqsu eżattament x'se jsir f'din l-attivita'.

3.2.11 Qed issir il-manutenzjoni tal-apparat tal-gym fil-playing field.

3.2.12 Is-Sindku informa l-membri li tkellem mas-Sur Herbert Naudi mill-HSBC rigward it-tabelli Merħba ta' Triq l-Isptar San Giljan peress li din bjadet u ghandha bzonn tinbidel skond il-kuntratt li ġie ffirmat fi Frar 2016. Pero' dan ħareġ bl-argument li jridu l-approvazzjoni tal-bank minnbarra minn Malta. Is-Sindku se jerġa jkellmu.

3.2.13 Fakkar li t-tenders li għalqu, għandhom sad-9 t'April biex jiġu evalwati u għalhekk iridu jiltaqgħu mal-perit u ssir l-evalwazzjoni sabiex laqgħa oħra l-kunsill ikun jista jiddeċiedi.

3.2.14 Is-Sindku nforma l-membri li attenda ghal-laqgħa tal-Unjoni Ewropeja dwar il-Kampanja organizzata mid-DLG kif ukoll ghal-laqgħa oħra tal-Valletta 18.

3.2.15 Is-Sindku nforma li ġiet talba b'urgenza biex ninfurmaw il-postijiet fejn ridna li jsiru aktar punti ta' WIFI. Aħna tlabna għal Pjazza l-Ghejjun u t-toroq Kardinal Alessandro Franchi u John Gaspard le Merchant. Il-membri qablu li għandna nitolbu sabiex isir ukoll fuq iz-Zuntier u ghalhekk il-Kunsill qabel li għandna nitolbu estensjoni ta' WIFI minn Triq tal-Mulejja għal fuq iz-Zuntier.

3.2.16 Is-Sindku nforma l-membri li applikajna għall-iskema ta' Fondi Attivitiajiet Kulturali u din ġiet irrifjutata minħabba li t-talba tagħna hi għal żmien il-festa. Is-Sindku irrimarka li l-Kunsill tal-Furjana jtuhom pero is-Sur Horace Micallef qal li l-festival tal-Furjana hija waħda nazzjonali u ma tistax tqisha bħala tal-kunsill u li wieħed irid iħares lejn x'kienu l-'priorities'. Is-Sindku qal li fl-amministrazzjoni preċedenti ingħataw darbtejn u, f'dawn l-erba' snin, taħt din l-amministrazzjoni ma ngħata qatt.

3.2.17 Is-Sindku informa li attenda għal-laqgħa tal-LESA fejn ġie CEO tal-LESA Ray Zammit u Onorevoli Buontempo. Informa lill-membri li għandu jiġi jara s-sala biex jintlaħaq ftehim sabiex jikri s-sala biex tintuża għat-tribunal tal-infurzar lokali. Dwar il-Camera fi Triq ix-Xlendi informa l-membri li jrid isir rapport u l-uniku waħda li saret hija dik tas-Siġġiewi. Is-Sindku kompla jgħid li issa jerġa' jikklarifika kif irid isir dan ir-rapport.

3.2.18 Intbagħtet ittra bħala risposta għall-appell li għamlet il-kumpanija tal-GCPL dwar l-offerta tal-ġebla tal-qawwi għall-bejt tat-tieni fazi taċ-Ċentru Ċiviku.

3.2.19 Is-Sindku informa l-kunsill li saru s-sinjali sofor quddiem il-garaxx ta' Numru 50 fi Triq il-Għajn, Fontana.

**3.3 Planning Control Authority PC0003/17**

3.3.1 Is-Segretarja Heidi Grech infurmat lill-kunsill illi kitbet lill-perit sabiex dan jinformana f'hiex se jidħol il-kunsill ġaladarba dan is-sqaq isir pubbliku. Irċevejna tweġiba fejn qalilna biex nitkellmu mal-Ministeru Għal Għawdex u nitolbu klarifika ċara bil-miktub min-naħa tagħhom. Is-Segretarja fakkret li kienet

talbet estensjoni lill-Planning Authority sabiex ningħataw aktar żmien biex inkunu nistgħu inressqu l-kummenti tagħna. Fl-applikazzjoni tagħhom ma hemm imkien indikat illi qed issir talba sabiex din issir pubblika, u ġaladarba dan hu żvilupp privat, is-Sindku qal li ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal dan l-iżvilupp. Is-Sur Horace Micallef oġġezzjona minħabba l-fatt illi l-pjanta qegħda tindika li fuq wara hemm triq immarkata bħala Triq tas-Sajjied u fir-realta' din mhix triq kif indikata pero hi triq privata, triq magħluqa bil-bollards fejn joqgħodu 33 familja. Il- kunsill qabel unanimament li għandna niktbu lill-PA u nistaqsu jekk din saritx talba biex isir sqaq pubbliku kif ukoll nagħmlu referenza għas-site plan tal-perit fejn hemm indikat Triq is-Sajjieda li din hija 'Internal Development' privata.

**3.4 Skema Attivitajiet Kulturali**

Din ġiet diskussa f'punt 3.2.16

**3.5 Materji Oħra**

3.5.1 Ser tintbagħat emejl lill-Avukat Dr. Grech għal parir legali dwar il-każ tal-polza ta' Assigurazzjoni tas-saħħa li ma kienetx saret mill-eks Segretarju Ezekuttiv, is-Sinjura Odette Camilleri, kif ukoll dwar il-50 ewro li ma ġews depozitati meta ġiet imġedda liċenzja tal-kummerċ mill-istess Sinjura Camilleri. Is-Sindku u l-kunsilliera qablu li huma qatt ma ġew infurmati b'dan minkejja li ilu aktar minn sena. Għalhekk il-Kunsill ser jitlob il-parir tal-auvkat sabiex il-kunsill jagħraf jimxi. Is-Sur Horace Micallef staqsa jekk is-sid ta' din il-liċenzja hux qed jigi affettwat b'dan in-nuqqas għax f'każ ta hekk, jissuggerixxi li l-Kunsill jaffettwa dan il-ħlas. Is-Segretarja wieġbet illi l-klijenta ingħatat irċevuta mill-Kunsill u għalhekk id-Dipartiment tal-Kummerċ ifittex lill-Kunsill.

3.5.2 Is-Segretarja talbet għall-Performance Bonus tal-Ex Segretarju Eżekuttiv sabiex dan ikun jista jintbagħat lis-Sinjura Odette Camilleri.

3.5.3 Tressqu xi kontijiet li jidhru pendenti. Hemm bilanċ dovut lil Rapa Showrooms ta' €20.55. Is-Sindku qal li il-kuntrattur tal-Scaffolding ma setgħax imur jixtri fuq isem il-Kunsill jekk ma kellux purchase order u għalhekk il-Kunsill qabel unanimament illi dan ma nħallsuhx aħna pero għandu jħallsu l-kuntrattur li mar xtrahom.

Tressaq il-kont tal-kera dovuta lil Lands li jammonta ghal €1,400, pero s-Sindku għamel referenza għall-kontijiet li kienu tħallsu żejda u għalhekk talab li nitolbu

breakdown tal-kontijiet pendenti sabiex inkunu nafu eżatt fejn aħna, peress li segretarji preċedenti ħallewh pendenti.

Saret referenza għall-kontijiet pendenti mir-Reġjun Għawdex, minħabba li jidher illi l-Kunsill ilu ma jitlob ħlas lir-Reġjun mill-2011 għall-ammont totali ta' €740.34 li jkopri sas-sena 2015.

3.5.4 Saret komunikazzjoni mas-Sinjura Mandy Falzon mill-Muesec sabiex tatna stampa ċara dwar proġetti li bħala kunsill nistgħu napplikaw għalihom. Hi spjegat ċar illi ma nistgħux napplikaw taħt l-ERDF minħabba li l-'priorities tal-call' huma 'Renewable Energy' u mhux 'Energy Efficiency' u ghalhekk xiri ta' vettura li taħdem bl-elettriku ma taqax taħt din il-kategorija. Dwar il-fondi għall-'Cultural Heritage' jridu jkunu iffokati fuq attrazzjonijiet turistici; ezempju post se jiġi transformat f'mużew. Se joħorġu calls oħra bħal tal-Leader, li se jkunu jinvolvu rural planning u hemm nkunu nistgħu napplikaw.

3.5.5 Is-Segretarja ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-prezz mogħti minn Smart Supplies għax-xiri ta' karti A4 li huwa ta €2.25 plus VAT għal kull riżma ta' 500 karta; jiġifieri nofs il-prezz li qegħdin inħallsu attwalment. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandna nixtru ftit kaxxi ta' karti A4.

Tressqu wkoll żewġ kwotazzjonijiet għal siġġu 'Office Chair' u l-Kunsill qabel li għandu jinxtara s-siġġu Igo A193 mingħand FT Gozo għall-prezz ta' €100 VAT inkluż.

3.5.6 Is-Segretarja ressqet għall-attenzjoni tal-membri l-'Maintenance Agreement' għal-'Live Streaming', minħabba l-fatt li ma konniex ċerti kienx hemm wieħed. Bgħatnielhom biex jatuna l-ispecifications ta' dan il-maintenance agreement, u dawn wieġbu li dan ikopri biss incase of 'system failure.' Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

3.5.6 Is-Segretarja issuġġeriet li nibdew ninfurmaw lill-kappillan b'xi attivitajiet li forsi jistgħu jitniżżlu fuq il-bulettin pero' minħabba l-fatt illi l-paroċċa hi ikbar mill-kunsill u hemm triq li tagħmel mal-paroċċa u ma taqax taħt il-kunsill, il-membri ma qablux li dan isir u tkompli l-proċedura li kienet issir soltu.

3.5.7 Inbagħtet E-mail lil tal-Wasteserv fejn erġajna bghatnielhom kopja tal-invoices minn Ottubru 2016 sa Diċembru 2016, flimkien ma ta' Jannar 2017. Ġie ffirmat il-kuntratt tal-'Collection of Organic Waste' fejn il-Wasterserv se jkunu jtuna €80

fil-ġimgħa li tagħmel tajjeb għal 'collection' waħda ta' Organic Waste fil-ġimgħa. Dan il-kuntratt se jintbagħat lis-Sinjura Davinia Shead mill-Wasteserve.

3.5.8 Is-Segretarja issuġġeriet li nqassmu avviż fid-djar sabiex ninfurmaw lill-pubbliku dwar l-Iskema Irrestawra Darek għaliex għal kull applikazzjoni li tiġi aċċettata l-kunsill jieħu €50. Nistgħu ninkludu wkoll informazzjoni dwar il-Proġett Darba Wahda li se jsir fl-iskola Primarja tax-Xagħra minn Marzu sa Mejju. Is-Sindku issuġġerrixxa li nniżżlu wkoll li jistgħu jiġu jiġbru l-boroż tal-iskart riċiklat li jsir kull nhar ta' Tlieta. Dan għar-raġuni li l-Wasteserv reġgħu tawna l-boroz għat-tqassim.. Il-Kunsill qabel li noħorġu dan il-fuljett ta' informazzjoni.

## 3.6 Qari ta' Korrispondenza

3.6.1 Imejl mingħand Jonathon Mizzi rigward il-postijiet fejn diga jeżisti free Wifi u talabna nindikaw jekk hemmx il-ħsieb illi nżiedu dan is-servizz f'postijiet oħra. Risposta intagħtet b'imejl fis-7 ta' Frar 2017.

3.6.2 Intbagħtet l-ittra ppreparata mill-Avukat Dr. Grech bħala rispota dettaljata għall-appell mill-GCPL fit-13 ta' Frar 2017.

3.6.3 Ċirkulari Numru 6/2017 maħruġa mid-Dipartiment tal-gvern lokali dwar l-Allowance lill-Kunsilliera. Kopja ta' din iċ-ċirkulari ingħatat lil kull kunsillier.

3.6.4 Imejl mingħand tal-Yellow Pages, biex nikkonfermaw d-dettalji tal-Kunsill.

3.6.5 Irċevejna l-Waste Collection Agreement għas-sena 2017 li ghadu kif gie iffirmat.

3.6.6 Imejl li rċevejna mingħand Mary Muscat mid-DLG rigward il-Live Streaming. Sar kuntatt mal-kuntrattur AID Ltd. Jidher li kien hemm il-modem mitfi. L-kumpanija bagħtet rapreżentant l-Erbgħa, 15ta' Frar 2017. Il-kuntratt tal-Live Streaming ġie msemmi fejn il-membri ħadu nota tal-*'maintenance agreement.'*

3.6.7 Imejl mibgħuta lil 3 kuntratturi sabiex nirċievu quotations għal siġġu tal-uffiċċju. Irċevejna 2 u l-irħas jidher li hu Igo A193 għal prezz ta'€100 Vat included.

3.6.8 Imejl mingħand The Guard & Warden Service House Ltd rigward bilanċ li qed jidher pendenti ta € 31.68. Intbagħtet risposta b'imejl sabiex jibgħatulna kopja tal-invoice bid-dettalji ta' dan il-kont. Fin-nuqqas ta' dan ma jistax isir ħlas.

3.6.9 Il-kunsill bagħat imejl lil ta' Green Skips u tlabna sabiex nirritornaw il-5 Bins. Dawn wieġbu illi normalment jiġu ritornati fi żmien xahar mid-data tal-invoice. Infurmawna sabiex nibgħatuhom lura u tinħareġ 'credit note'. Il-Kunsill talab li nixtru 'Doggy Bin' iehor u nitolbu quotes ghall-bins li tkellem fuqhom is-Sindku.

3.6.10 Irċevejna imejl mingħand id-Direttur DLG li approva r-rakkomandazzjoni għall-Performance Bonus tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

3.6.11 Imejl li rċevejna mingħand RPS dwar Tenching Permit Notification. Jidher illi fil-kunsill ma kienx hawn sistema ta' kif wieħed seta jaċċessa dan is-sit u jieħu l-informazzjoni meħtieġa. Intbagħtet imejl lis-Sur Debono fl-14ta' Frar u issa l-Kunsill ingħata user name u password sabiex dan ikun jista jibda jsir. Madanakollu iż-żmien għall-Permess numru RWP1-0173/17 kien skada u l-kunsill ma setgħax jressaq l-punti tiegħu. Kopja ta' dan il-permess intbagħat lill-kunsilliera kollha b'imejl. Is-Sindku gibed l-attenzjoni li noqghodu attenti f'kazijiet bhal dawn biex inkunu nistghu nghaddu l-kummenti taghna sabiex inħossu l-interess tal-kunsill.

3.6.12 Intbagħtet imejl lid-Direttur Proġetti u Żvilupp, S-Sur Formosa fit-13ta' Frar dwar il-bżonn ta' patching fi Triq tal-Għajn sa Pjazza Sant Wistin. Is-Sindku qal li *patching* sar bejn Pjazza Sant' Wistin u Triq il-Kappillan Hili. Pero, mill-knisja sa Triq il-Kappillan Hili ma sarx u għalhekk kellu jagħmlu l-kunsill.

3.6.13 Irċevejna l-bullettin tal-lokalita b'imejl min għand il-kappillan.

3.6.14 Intbagħtet risposta għall-imejl ta' Ruben Said fejn ġie indikat l-*'area'* fejn għandhom isiru id-double yellow lines, u intbagħtu r-ritrattri mitluba.

3.6.15 Intbagħtu l-financial statements iffirmati u rreġistrati.

3.6.16 Imejl mingħand i-Sur Frendo, l-Assistent Direttur DLG dwar l-aħbar kerha illi l-Assistent Direttur s-Sur Pio Farrugia kien ħallina. L-Kunsill bagħat il-kondoljanzi lill-qraba u kollegi tas-Sur Farrugia.

3.6.17 Imejl mingħand Paul Gatt l-President tal-Ansek datata 14ta' Frar 2017, dwar it-tieni edizzjoni tal-Premju Seg. Eżekuttiv sabiex tħeġġeġ li jsiru n-nomini rispettivi. Il-Kunsill nnota l-kontenut.

3.6.18 Ċirkulari AKL18/17 mill-Government Association fejn il-Kunsill qed jiġi mistieden jipparteċipa f' Conference on Migration li kienet se ssir fi 22ta' Frar 2017 il-Hilton, San Giljan. Din iċ-cirkulari ntbagħtet lil kulħadd.

3.6.19 Imejl mingħand Yana Spiteri tal-LESA dwar laqgħa indirizzata lis-Sindki li saret fit-18ta' Frar 2017.

3.6.20 Imejl mingħand is-Sur George Refalo, Seg. Ezekuttiv tar-Reġjun Għawdex bl-aġenda, minuti u skeda tal-ħlasijiet. Laqgħa li saret fid-9 ta' Frar 17.

3.6.21 Imejl mingħand Reġjun Għawdex li ntbagħtet lill-Hon. Stephan Buontempo dwar il-prokkupazzjoni għar-rimi illegali ta' skart goff fil-kampanja u anke dwar il-problema ta' ġbir ta' skart domestiku. Imejl oħra li tinfurma lill-Kunsill dwar laqgħa li se ssir fit-2 ta' Marzu fid-9.30a.m. ġo Casa Leone Santa Venera. Is-Sindku informa lill-kunsill li mhux se jattendi.

3.6.22 Imejl mingħand Karen Polidano Zahra li hija produtriċi ta' Program Malti fil-Canada jismu Leħen Malti. Qedha titlob jekk il-Kunsill jixtieqx jibgħat xi DVD dwar il-lokalita' sabiex jintwera fil-programm tagħha. Il-Kunsill qabel li nibghatu DVD li ghandna.

3.6.23 Imejl mingħand Antoine Zammit DLG fejn qed jissuġġerixxi illi l-iniżjattiva Għaqal id-dar isir b'mod konġunt ma' Sannat. Dan għandu jsir jew il-Ġimgħa fil-5.30p.m. jew is-Sibt filgħodu. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni li noffru l-uzu tas-sala tal-Komunita.

3.6.24 Imejl mill-GTA bid-data u l-aġenda għal-laqgħa li se ssir fit-22 ta' Frar, fil Grand Hotel.

3.6.25 Imejl datata 22 ta' Frar 2017 mingħand Isabella mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn infurmatna illi l-applikazzjoni tagħna għall-skemi kulturali ma gietx aċċettata minħabba li din kienet maħsuba li ssir fi żmien tal-festa.

3.6.26 Imejl mingħand Valletta 18 dwar proġett jismu Darba Waħda maħsub sabiex irressaq lil-anzjani u z-zgħar flimkien ġewwa Għawdex.

3.6.27 Imejl mingħand Reġjun Għawdex fejn bagħtulna kopja ta' *'Street Lighting Devolution Agreement'* li kien ġie ffirmat mill-Enemalta u DLG. Is-Sur Horace Micallef talab biex nivverifikaw il-proċeduri f'każ illi nkunu rridu nwaħħlu bozza ġdida. Dan sabiex inkunu nafu min ikun responsabbli għall-ħlas tagħha jekk hux il-Kunsill jew ir-Reġjun. Is-Sindku qal li r-Reġjun talab għal 300,000 ewro biex jizdied id-dawl f'Għawdex, pero għadu jistenna risposta. Żied jgħid illi l-bozoz għadhom propjeta' tagħna pero l-manutenzzjoni jsir mir-Reġjun. Is-Sindku qal ukoll li ser jistaqsi.

3.6.28 Irċevejna imejl dwar DPA notification PA/07025/6 bħala 'Notification of Development Permit Application Report & Commision meeting date'. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut u għandna nagħtu tfakkira lill-perit dwar din l-applikazzjoni. Is-Sindku ressaq kopja tal-applikazzjonijiet mill-Awtorita' tal-Ippjanar li jidhru fil-gazzetti tal-gvern u kollha jidhru li qegħdin fil-linja taż-żvilupp.

Matul dan ix-xahar ma kellniex ilmenti uffiċċjali fil-Kunsill.

## 3.7 Approvazzjoni tal-Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-membri tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tagħhom.

Rigward il-pagament tal-Paramount Coaches, is-Sindku ġibed l-attenzjoni għad-differenza fil-prezz mill-kwota li kienet ġiet preżentata. Is-Sur Horace Micallef informa lill-membri li kienu morru post ieħor u l-Ex Segretarju Eżekuttive Ivan Attard kien ġie nfurmat b'dan. Is-Segretarja ppreżentat kopja tal-'invoice' fejn ġie spjegat li ż-żieda fil-kont ta' 20 Ewro plus VAT, qed tirrifletti 'trip' żejda li kienet saret għall-Pama. Il-membri talbu li jerġa' jsir verifikazzjoni mal-kwota oriġinali u f'każ ta' qbil, il-membri jaqblu li għandu jsir dan il-ħlas.

Il-pagamenti l-oħra ġew approvati unanimament u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**Mill-Kunsillier Mario Mercieca:**

Ressaq il-ħtiega li ssir mera fi Triq l-Isptar San Giljan, quddiem 'San Giljan Court' faċċata ta' Farrugia, minħabba li bit-trakkijiet, wieħed ma jkunx jista' jara. Is-Sindku qal li jekk hemm qbil nitolbu għall-permess. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nitolbu għall-permess minn TM sabiex inkunu nistgħu nwaħħlu din il-mera.

Is-Sindku semma li l-kont tal-Go kien telgħa għal-64 Ewro minn 54 Ewro u għalhekk kien mar jiċċekkja. Ġara li kien intemm il-kuntratt u ghalhekk konna qed inħallsu bix-xahar. Issa reġa' sar kuntratt għal sentejn oħra, bil-press ta' €54 fix-xahar.

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-7.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 27 ta' Marzu 2017 fil-5.00pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Saviour Borg** | **Heidi Grech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |